# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur John Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 28.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;

28.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier John Farrugia informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta’ apoloġija.

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 27 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

28.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta’ kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

28.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol ta’ qlugħ ta’ żewġ palmiet li kienu mietu fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi u t-tħawwil ta’ tnejn oħra minflokhom sar u bħalissa għaddej ix-xogħol ta’ tpoġġija mill-ġdid tal-bankina.

28.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li sar iż-żbir tal-palm fil-Munxar, hemm bżonn isir xogħol ta’ żbir tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi kif ukoll fi Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

28.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ħames edizzjoni tal-Fireworks and Gastronomy Festival qed joqrob ġmielu hekk kif din is-sena se jsir nhar is-26 ta’ Ġunju 2026 bl-istess kunċett u organizzazzjoni bħall-edizzjonijiet passati.

28.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa oħra mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Ġnien il-Ġebla tal-Poplu sabiex jiġu ffinalizzati l-pjanti biex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti.

28.3.5 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti nhar il-21 ta' Lulju 2026. Huwa ppropona li tiġi organizzata mawra bit-*trackless train*, li matulha nżuru diversi postijiet ta' interess fiż-żona tad-Dwejra, segwita minn attivita' ta' natura soċjali fi stabbiliment fiż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 28.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

28.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sanita' minħabba preżenza ta' ġreiden fl-inħawi tal-*bridge* li jagħti għat-Torri tax-Xlendi kif ukoll fi Triq ir-Rabat u l-madwar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

28.4.2 Il-Kunsillier John Cassar ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar ilmenti mressqa lilu fir-rigward ta' sewqan eċċessiv f'xi inħawi fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lilu u lill-membri preżenti li waqt laqgħa li saret mal-Pulizija tal-Komunita' dan ix-xahar, huwa ġibed l-attenzjoni tagħhom dwar dan. Is-Sindku saħaq li kienu diversi tentattivi li l-Kunsill għamel ma' Transport Malta sabiex isiru road humps fil-lokalita' iżda r-risposta dejjem kienet li f'żoni residenzjali ma jsirux. Is-Sindku informal ill-membri li se jkompli jagħmel pressjoni biex dawn ir-road humps isiru fejn meħtieġ biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u s-sigurta' tar-residenti.

## 28.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

28.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar il-proġett ta' installazzjoni ta' *railing* ġdid fil-parti ta' fuq ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Huwa nforma lill-membri li l-Kunsill ottjena l-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar, iffinalizza l-applikazzjoni għall-fondi flimkien mal-Kunsill Reġjonali Għawdex taħt il-fond *Development Planning Fund* tal-istess

awtorita', u, ladarba din l-applikazzjoni tiġi approvata l-Kunsill se jkun qed jiffirma l-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur.

28.5.2 Dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' fanali dekorattivi fi Triq Rumani u Triq Kavallieri fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill flimkien mal-Inġinier qed jiffinalizza d-dokumenti mitluba mill-awtoritajiet sabiex jinħarġu l-permessi neċessarji, kif ukoll ottjena estensjoni għat-tlestija tal-proġett mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sal-aħħar ta' Diċembru 2026.

28.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill qed kontinwament jagħmel pressjoni mal-awtoritajiet sabiex isir wiċċ ġdid għal Triq San Xmun u Triq il-Kantra fix-Xlendi skont il-permessi li kienu nħarġu meta sar ix-xogħol ta' tisħiħ fid-distribuzzjoni tal-elettriku.

## 28.6 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2025;

28.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*audited financial statements* għas-sena 2025 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri wara l-proċess ta' verifika mill-awdituri.

28.6.2 L-*audited financial statements* għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

28.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Ċerimonja taż-Żwieġ fi Ġnien Ragalna – 11 ta' Lulju 2026.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u jkun hemm in-*no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

28.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħutha lilu mill-Uffiċċjali Klerikali tal-Kunsill b'talba sabiex wara l-proċess ta' assimilazzjoni u wara għaddiet sena fi skala 14 notch 5, tingħata l *increment* annwali għal skala 14 notch 6 b'effett mill-1 ta' Lulju 2026. Kien hemm qbil u approvazzjoni mill-membri dwar din it-talba.

28.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand "PRS for Music in Malta" rigward liċenzjar skont il-Malta Copyright Act (Cap. 415) biex tkun tista' tindaqq mużika fil-pubbliku skont il-liġi mingħajr problemi waqt il-*Fireworks and Gastronomy Festival*. Din il-korrispondenza tisħaq li l-Kunsill huwa dovut li jħallas l-ammont ta' 3% fuq il-pagamenti li ser jingħataw lill-artisti mużikali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-liġijiet.

28.7.4 Wara applikazzjoni li l-Kunsill kien issottometta għall-fond t'aġġustament għas-sena 2026 mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fir-rigward tal-lokalitajiet turistiċi, il-Kunsill irċieva korrispondenza li l-applikazzjoni ġiet approvata u l-Kunsill ser ikun qed jingħata €7,000. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.5 Ċirkulari Numru 5/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) – Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fiil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.6 Ċirkulari Numru 6/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) – Rappurtar Finanzjarju Kwartali: Introduzzjoni ta' Template Ġdid. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.7 Addendum Numru 2 taċ-Ċirkulari Numru 1/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) – Chart of Accounts (COA). Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.8 Kunsill Reġjonali Għawdex – Food-Link URBACT Project. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.9 Servizzi Ewropej Malta – EU Funding Opportunities for Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2026/038 – Survey regarding vacant and derelict dwellings in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2026/039 – Sessjoni ġewwa l-Esplora. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2026/040 – LCA Summer Connect, Alfa Gardens Edition 10/07/2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2026/041 –ALDA International School for Local Democracy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2026/042 – Ir-Rotta tal-Feniċi f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2026/043 – Laqgħa Plenarja 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2026/044 – Kampanja Blue Heart 2026: Jum dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2026/045 – Vacancy Local Councils' Association: Full-Time Administration Officer II Scale 10. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2026/046 – Vacancy Local Councils' Association: Full-Time Administration Officer I Scale 12. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2026/047 – Vacancy Local Councils' Association: Part-Time Clerical Officer Scale 15. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.7.20 Ilment 102/2026
Residenta fi Triq Ta' Rinota fil-Munxar titlob sabiex issir rampa fil-bankina minħabba li hija għolja wisq il-kurduna tal-bankina. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

28.7.21 Ilment 103/2026
Residenta fi Triq il-Kantra fix-Xlendi titlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.22 Ilment 104/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll dwar problemi ta' skart f'dawk l-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri

sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu biex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv.

28.7.23 Ilment 105/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.24 Ilment 106/2026
Residenta fi Triq il-Kantra fix-Xlendi titlob sabiex isiru *road humps* minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.25 Ilment 107/2026
Residenta fi Triq il-Kantra fix-Xlendi titlob sabiex isiru miżuri biex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.26 Ilment 108/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Huwa jallega wkoll li xi persuni li qed jieħdu sustanzi illeċiti fil-karozzi tagħhom f'dawk l-inħawi kif ukoll jipproponi sabiex din it-triq tiġi żona pedonali. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu filwaqt li jgħaddi l-informazzjoni ta' użu ta' sustanzi illeċiti lill-Pulizija.

28.7.27 Ilment 109/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.28 Ilment 110/2026
Residenta fi Triq il-Kantra fix-Xlendi titlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.29 Ilment 111/2026
Residenta titlob sabiex isiru *road humps* u tabelli biex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv fi Triq il-Kantra u Triq it-Torri fix-Xlendi speċjalment minn vetturi turistiċi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.30 Ilment 112/2026
Residenta titlob sabiex isiru *road humps* fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.31 Ilment 113/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu.

28.7.32 Ilment 114/2026
Resident fi Triq il-Kantra fix-Xlendi jitlob sabiex isiru *road humps* kif ukoll tabelli minħabba sewqan eċċessiv. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll dwar vetturi abbandunati fil-parti ta' fuq tat-triq kif ukoll rimi ta' skart bl-addoċċ minn ċerti persuni. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar miżuri li jistgħu jittieħdu kif ukoll mal-Pulizija tal-Komunita' għal aktar rondi frekwenti fl-inħawi.

28.7.33 Ilment 115/2026
Persuna tissuġġerixxi manutenzjoni fuq il-*gazebo* tal-injam li tinsab fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

28.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 28/2026-9 għall-perjodu bejn il-21 ta' Mejju 2026 u t-12 ta' Ġunju 2026 li tammonta għal €22,728.34 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

## 28.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta’ Lulju 2026 fl-4.00 ta’ wara nofsinhar.

Konfermati illum, it-Tlieta 21 ta’ Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |